20.2.2024 A9-0445/242

**Emenda 242**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Għal raġunijiet ta' sikurezza fit-toroq, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan. Jenħtieġ li l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji jiġu armonizzati. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-għarfien, il-ħiliet u l-imġiba marbuta mas-sewqan tal-vetturi bil-mutur, jenħtieġ li t-test tas-sewqan ikun ibbażat fuq dawn il-kunċetti u jenħtieġ li jiġu speċifikati l-istandards minimi tas-saħħa ***fiżika u mentali*** sabiex jinstaqu dawn il-vetturi. | (18) Għal raġunijiet ta' sikurezza fit-toroq, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan. Jenħtieġ li l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji jiġu armonizzati. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-għarfien, il-ħiliet u l-imġiba marbuta mas-sewqan tal-vetturi bil-mutur, jenħtieġ li t-test tas-sewqan ikun ibbażat fuq dawn il-kunċetti u jenħtieġ li jiġu speċifikati l-istandards minimi tas-saħħa sabiex jinstaqu dawn il-vetturi. ***Tali rekwiżiti jenħtieġ li jqisu l-prattiki differenti li jintużaw fl-Istati Membri kollha.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

20.2.2024 A9-0445/243

**Emenda 243**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(18a) Bħalissa, meta joħorġu liċenzji tas-sewqan għall-grupp 1, jiġifieri għas-sewwieqa ta' vetturi tal-kategoriji A, A1, A2, AM, B, B1 u BE, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilew xi forma ta' kontroll tas-saħħa għas-sewqan, lil hinn mit-test tal-vista. Tali kontroll jista' jvarja minn formola ta' awtovalutazzjoni għal eżami mediku, imwettaq minn prattikant mediku ġenerali jew tabib speċjalizzat jew ċentru tal-ittestjar. Meta jiġġeddu l-liċenzji tas-sewqan għall-grupp 1, ftit Stati Membri jeħtieġu eżami mediku. Hemm ukoll ftit Stati Membri li stabbilew mekkaniżmu nazzjonali għar-rapportar ta' bidliet sinifikanti dwar is-saħħa għas-sewqan. B'mod ġenerali, meta jinħarġu u jiġġeddu l-liċenzji tas-sewqan għall-grupp 2, jiġifieri għas-sewwieqa tal-vetturi tal-kategoriji C, CE, C1, C1E, D, DE, D1 u D1E, ir-rekwiżiti huma aktar stretti u dettaljati, billi jrid jitwettaq eżami mediku.*** |

Or. en

20.2.2024 A9-0445/244

**Emenda 244**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Għandha tingħata prova ta' konformità mal-istandards minimi tas-saħħa ***fiżika u mentali*** għas-sewqan minn sewwieqa ta' vetturi li jintużaw għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija meta tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan u perjodikament wara dan. Dan il-kontroll regolari f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' konformità ma' standards minimi jikkontribwixxi għall-moviment liberu ta' persuni, jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jqis ir-responsabbiltajiet speċifiċi tas-sewwieqa ta' dawn il-vetturi. L-Istati Membri ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu ***jimponu li jsiru*** eżamijiet mediċi bħala garanzija ta' konformità mal-istandards minimi tas-saħħa ***fiżika u mentali*** għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur oħra. Għal raġunijiet ta' trasparenza, dawn l-eżamijiet ***jenħtieġ li*** jikkoinċidu mat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan. | (19) Għandha tingħata prova ta' konformità mal-istandards minimi tas-saħħa għas-sewqan minn sewwieqa ta' vetturi li jintużaw għat-trasport ta' persuni jew ta' merkanzija meta tinħareġ il-liċenzja tas-sewqan u perjodikament wara dan. Dan il-kontroll regolari f'konformità mar-regoli nazzjonali ta' konformità ma' standards minimi jikkontribwixxi għall-moviment liberu ta' persuni, jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jqis ir-responsabbiltajiet speċifiċi tas-sewwieqa ta' dawn il-vetturi. L-Istati Membri jistgħu ***jintroduċu*** eżamijiet mediċi bħala garanzija ta' konformità mal-istandards minimi tas-saħħa għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur oħra. Għal raġunijiet ta' trasparenza, dawn l-eżamijiet ***jistgħu*** jikkoinċidu mat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan. |

Or. en

20.2.2024 A9-0445/245

**Emenda 245**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Korsijiet ta' aġġornament volontarji għal sewwieqa b'esperjenza jistgħu jtejbu s-sikurezza fit-toroq billi jqajmu sensibilizzazzjoni u jirrikjedu li s-sewwieqa jiksbu esperjenza addizzjonali dwar soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bħal sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa, kemm semiawtomatizzati kif ukoll awtomatizzati. Għal dan l-għan, l-użu ta' simulaturi jista' jgħin biex jiġu aġġornati l-ħiliet tas-sewwieqa b'esperjenza. Barra minn hekk, is-simulaturi tas-sewqan jistgħu wkoll joħolqu mill-ġdid kundizzjonijiet avversi u xenarji ta' emerġenza u konsegwentement itejbu l-kapaċità tas-sewwieq li jirrispondi u jieħu deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet kritiċi.*** |

Or. en

20.2.2024 A9-0445/246

**Emenda 246**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(20b) It-taħriġ tul il-ħajja jista' jgħin biex il-ħiliet ta' sewwieqa esperjenzati jibqgħu aġġornati, speċjalment fir-rigward tas-sewqan ekoloġiku, taż-żieda fil-massa tal-vetturi, tal-iżvilupp teknoloġiku kontinwu tas-sistemi ta' assistenza waqt is-sewqan u tagħmir awtomatizzat ieħor kif ukoll modi alternattivi ta' propulsjoni tal-vetturi. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw moduli ta' taħriġ volontarju għas-sewwieqa esperjenzati.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

20.2.2024 A9-0445/247

**Emenda 247**
**Peter Lundgren**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35a) Matul it-tħejjijiet għar-rieżami ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis kemm jista' jkun possibbli li l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi ġeografiċi u soċjetali differenti meta jippruvaw itejbu s-sikurezza fit-toroq. Tabilħaqq, filwaqt li xi Stati Membri qed jimmiraw b'suċċess li jinfurzaw ir-regoli tat-traffiku fit-toroq permezz tal-hekk imsejħa sistemi ta' punti mnaqqsa, oħrajn qed jagħżlu metodi differenti, bħall-impożizzjoni immedjata ta' sanzjonijiet aktar stretti jew sforzi akbar fir-rigward ta' kampanji mmirati ta' infurzar u prevenzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqies ukoll il-fatt li s-sistemi ta' punti mnaqqsa infushom jistgħu jkunu differenti b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri li jagħżlu li japplikawhom. Fil-fatt, ir-riżorsi u l-attenzjoni jenħtieġ li jiġu diretti lejn miżuri oħra, li jistgħu jżidu s-sikurezza fit-toroq, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew ukoll jindirizzaw l-isfidi differenti tagħhom b'modi li jemmnu li huma l-aktar effiċjenti.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

20.2.2024 A9-0445/248

**Emenda 248**
**Peter Lundgren, Charlie Weimers, Johan Nissinen**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – paragrafu 2 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – vetturi b'żewġ ***roti*** jew ***vetturi bi tliet*** roti b'veloċità massima skont id-disinn ta' mhux aktar minn 45 km/siegħa (minbarra dawk b'veloċità massima skont id-disinn ta' 25 km/siegħa jew anqas); | – vetturi b'żewġ***, bi tliet*** jew ***b'erba'*** roti b'veloċità massima skont id-disinn ta' mhux aktar minn 45 km/siegħa (minbarra dawk b'veloċità massima skont id-disinn ta' 25 km/siegħa jew anqas); |

Or. en

20.2.2024 A9-0445/249

**Emenda 249**
**Peter Lundgren, Charlie Weimers, Johan Nissinen**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 16-il sena għall-kategoriji ***AM,*** A1 u B1; | (a) 16-il sena għall-kategoriji A1 u B1; |

Or. en

20.2.2024 A9-0445/250

**Emenda 250**
**Peter Lundgren, Charlie Weimers, Johan Nissinen**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) 15-il sena għall-kategorija AM;*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Peter Lundgren, Charlie Weimers, Johan Nissinen**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0445/2023**
**Karima Delli**
Il-liċenzji tas-sewqan
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) vetturi tal-kategorija B b'massa massima awtorizzata ta' 2 500 kg u b'veloċità massima fiżikament limitata għal 45 km/siegħa minn sewwieqa ta' anqas minn 21 sena li għandhom liċenzja tas-sewqan mogħtija għall-kategorija ***B1***. | (c) vetturi tal-kategorija B b'massa massima awtorizzata ta' 2 500 kg u b'veloċità massima fiżikament limitata għal 45 km/siegħa minn sewwieqa ta' anqas minn 21 sena li għandhom liċenzja tas-sewqan mogħtija għall-kategorija ***AM***. |

Or. en


Magħquda fid-diversità